# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.3

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.3 – Alla ħalaq kollox tajjeb!**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jiftakru li Alla ħalaq kollox tajjeb u sew.
2. Jiftakru fl-għaqda li jrid ikun hemm fejn tidħol is-saħħa, in-nuqqas ta' ħela ta' ilma, ta' karti u ta' elettriku fl-iskola biex kulħadd jaħdem flimkien għal għan wieħed.
3. Jiddiskutu għajnuniet konkreti ta' kif jistgħu jkomplu jtejbu l-ambjent tal-iskola, speċjalment meta jaħdmu flimkien u jgħinu lil xulxin.
4. Janalizzaw modi kif jistgħu jaħdmu ma' kulħadd, anke ma' dawk ta' twemmin differenti minn tagħhom, biex tassew kulħadd ikun jista' jgħix skont ir-reliġjon tiegħu.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Kwiżż : Għal Dinja Aktar B'Saħħitha
- Taħriġ 2.2 (mill-Ktieb)
- Kanzunetta: *We are the World* - Michael Jackson

https://www.youtube.com/watch?v=jDsUqd1hYqA&spfreload=10

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



1. Spjega kif fil-lezzjonijiet ta' qabel tkellimna dwar dawk in-nies li jagħtuna servizz.
2. Spjega kif fid-dinja, għalkemm Alla ħalaq kollox sew, hawn nies li qed ibatu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iddiskuti mat-tfal għalfejn ħafna nies fid-dinja qegħdin ibatu.
2. Spjega li ħafna pajjiżi huma foqra minħabba l-ambjenti fqir li jgħixu fih. Issa f'ħafna pajjiżi sinjuri fejn hemm ikel, edukazzjoni u saħħa, naraw li n-nies, għax għandhom, jaħlu.
3. Stieden lit-tfal isegwu u jiddiskutu l-kwiżż - Għal Dinja Aktar b'saħħitha. Tista' taqsam il-klassi fi tnejn.
4. Stieden lit-tfal jitkellmu dwar dak li jkunu raw.
5. Fakkar, mill-kwiżż, li rajna li nistgħu nkunu aħna stess li għax insibu ambjent komdu naħlu bla ma naħsbu li qed naffettwaw id-dinja li qed ngħixu fina.
6. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.2.



7. Aqra s-silta mogħtija.
8. Iddiskuti mat-tfal Attività 1 sabiex ikunu t-tfal stess li joħorġu bid-differenzi kbar li jeżistu bejn il-pajjiżi sinjuri u dawk fqar.
9. Fiehem Attività 2 u ħalli lit-tfal jimlew il-kelma t-tajba taħt kull stampa.
10. Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt li għandna nkunu ħbieb ma' kulħadd.
11. Ikkonkludi billi tispjega li: Biex id-dinja tkun aktar sana u sabiħa jeħtieġ li ningħaqdu flimkien u nħaddnu sett ta' valuri ambjentali ħalli ntaffu l-ħela, inaqqsu l-iskart, u nużaw enerġija li ma tagħmilx ħsara. Dawn is-sett ta' valuri (l-eco-code) tajjeb li nużawhom fil-klassi u d-dar.
12. Stieden lit-tfal jisimgħu d-diska: *We Are The World.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.
2. Meta naħlu nkunu qed immardu l-ambjent li qed ngħixu fih.
3. Naraw kif nistgħu nirreċiklaw , innaqsu l-iskart, nisseparaw l-iskart, nagħżlu enerġija naturali minn dik artifiċjali, u nerġgħu nużaw.
4. Meta nieħdu ħsieb id-dinja li qed ngħixu fiha nkunu aktar b'saħħitna In-nuqqas ta' indafa u edukazzjoni iġibu l-faqar fid-dinja.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jaħdmu flimkien għal dinja aktar b'saħħitha. Allura, jaraw li jibżgħu għal dak li għandhom u ma jaħlu qatt xejn.
- Ikunu ħbieb ma' kulħadd anke ma' dawk li jkunu ġejjin minn pajjiżi 'l bogħod.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



**Song : *We are The World***

https://www.youtube.com/watch?v=jDsUqd1hYqA&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, għallimna napprezzaw l-affarijiet sbieħ li tajtna u nibżgħu għalihom.

